

meħtieġ kontroll aħjar tal-glukożju (zokkor) fid-demmm, iżda dan għandu jsir b'kawtela f'pazjenti li qed jieħdu wkoll sulfonilurea, minħabba r-riskju ta' żamma ta' fluwidi. Il-pilloli għandhom jinbelgħu sħaħ.

Kif jaħdem Avandia?

Id-dijabete tat-tip 2 hija marda li fiha l-frixa ma tipproduċix biżżejjed insulina biex tikkontrolla l-livell ta' glukożju fid-demmm jew meta l-ġisem ma jkunx jista' juża l-insulina b'mod effikaċi. Is-sustanza attiva f'Avandia, rosiglitazone, jagħmel iċ-ċelloli (tax-xaħam, tal-muskoli u tal-fwied) aktar sensittivi għall-insulina, li jfisser li l-ġisem jagħmel użu aħjar mill-insulina li jipproduċi. Bħala konsegwenza, il-glukożju fid-demmm jitnaqqas u dan jgħin biex tiġi kkontrollata d-dijabete tat-tip 2.

Kif ġie studjat Avandia?

Avandia, użat waħdu, tqabbel ma' plaċebo (trattament finta), metformina u glibenblamide (tip ta' sulfonilurea). Ġie studjat ukoll f'pazjenti li kienu diġà qed jużaw metformina, tip ta' sulfonilurea, jew kemm metformina kif ukoll tip ta' sulfonilurea. L-istudji keġlu l-livell ta' sustanza fid-demmm magħrufa bħala emoglobina glikosilata (HbA1c), li tagħti indikazzjoni ta' kemm hu kkontrollat tajjeb il-glukożju fid-demmm.

X'inhum l-benefiċċju ta' Avandia li ntwera f'dawn l-istudji?

Avandia meħud waħdu kien aktar effettiv minn plaċebo biex titnaqqas HbA1c. Il-kombinazzjoni ma' mediċini antidiabetiċi oħra wassal għal aktar tnaqqis fil-livell ta' HbA1c, li juri li l-livelli tal-glukożju fid-demmm kienu tnaqqsu aktar.

X'inhum r-riskju assoċjat ma' Avandia?

L-effetti sekondarji l-aktar komuni b'Avandia (li dehru f'bejn pazjent wieħed u għaxra minn kull mija) huma l-anemija (ammont baxx ta' ċelloli ħomor fid-demmm), u edema (nefħa), kif ukoll iperkolesterolemija (livelli għolja ta' kolesterol fid-demmm), ipertrigliċeridemija (livelli għolja ta' trigliċeridi, tip ta' xaħam), iperlipemija (livelli għolja ta' xaħam fid-demmm), żieda fit-toqol, żieda fl-aptit, iskemija kardjopika (tnaqqis ta' ossiġnu għall-muskolu tal-qalb), stitikezza, ksur tal-għadam u ipogliċemija (livell baxx ta' glukożju fid-demmm). Jekk avandia jintuża flimkien ma' mediċini antidiabetiċi oħra, jista' jkun hemm effetti sekondarji oħra. It-tobba għandhom jissorveljaw il-pazjenti għaż-żamma ta' fluwidi peress li dan jista' jwassal għal insuffiċjenza kardijaka (inabbiltà tal-qalb biex tippompja demm biżżejjed madwar il-ġisem). Għal-lista sħiħa ta' effetti sekondarji rrappurtati b'Avandia, ara l-Fuljett ta' Tagħrif.

Avandia m'għandux jintuża minn persuni ipersensittivi (allerġiċi) għal rosiglitazone jew għal kull ingredjent ieħor. M'għandux jintuża f'pazjenti li jkollhom insuffiċjenza kardijaka, problemi bil-fwied, 'sindromu koronarju akut' bħal anġina instabbli (tip gravi ta' wġiġħ fis-sider li l-intensità tiegħu tinbidel) jew ċerti tipi ta' attakk tal-qalb, jew kumplikazzjonijiet ta' diabete (detoaċidożi diabetika jew prekoma diabetika).

Jista' jkun meħtieġ li d-dożi ta' Avandia jiġu aġġustati meta jittieħed ma' ċerti mediċini oħra bħal gemfibrozil jew riframpicina. Il-lista sħiħa hija disponibbli fil-Fuljett ta' Tagħrif.

Għaliex ġie approvat Avandia?

Is-CHMP iddeċieda li l-benefiċċji ta' Avandia huma akbar mir-riskji tiegħu u rrikkomanda li jingħata awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq.

Informazzjoni oħra dwar Avandia:

Il-Kummissjoni Ewropea tat awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq valida madwar l-Unjoni Ewropea kollha għal Avandia lil SmithKline Beecham Ltd. fil-11 ta' Lulju 2000. Wara 10 snin, l-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fuq is-suq iġġeddet għal ħames snin oħra.

L-EPAR sħiħ għal Avandia huwa disponibbli [hawnhekk](#). Għal aktar informazzjoni rigward il-kura b'Avandia, aqra l-Fuljett ta' Tagħrif (huwa parti wkoll mill-EPAR) jew ikkuntattja lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

Dan is-sommarju ġie aġġornat l-aħħar fil-05-2010.

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzati